# Antonio Maurizio Valperga

**kitba u riċerka ta' John Vella**

F'art twelidna 'l Antonio Maurizio Valperga nafuh bħala l-inġinier militari tas-Swar ta' Bormla jew tal-Cotoner. Minn riċerka żgħira li għamilt u li nixtieq naqsam magħkom, insibu li Valperga ma kienx biss marbut mal-bini ta' swar imma mfittex sewwa biex jiddisinja u jibni proġetti ta' arkitettura u monumenti oħra li żejjnu mhux biss l-istorja u t-teżori arkitettoniċi tal-Gżejjer Maltin imma saħansitra dawk Ewropej.

Valperga twieled fil-Piemonte fl-Italja f'nofs is-seklu sbatax. Il-familja tiegħu kienet waħda marbuta sewwa mas-Saltna tas-Savoia. Meta nqisu li l-familji qrib tas-slaten kienu jgawdu sew privileġġi u ħajja aħjar ma jistax jonqos li fl-aħħar mill-aħħar mhux il-flus jagħmluk għaref u ta' ħila kbira imma kemm tinteressa ruħek li titgħallem. Valperga jidher li ħa l-opportunità mill-kuntatti li kellu u tgħallem kemm felaħ minnhom. Fost l-arkitetti militari li ltaqa' u ħadem magħhom kien hemm il-famuż marixxal u inġinier militari Franċiż Vauban. Mingħand Vauban, Valperga ħa pariri siewja dwar il-bini u t-tisħiħ tas-sistema difensiva ta' bliet iffortifikati. Bejn l-1665 u 1680 is-Sultan Karlu Emanuele II ħalla l-proġett ta' rifortifikazzjoni ta' Verrua u Vercelli f'idejn Valperga[1].

## Metodoloġija

Sebastien Le Prestre de Vauban (1633 – 1707) kien il-moħħ li ta lil Franza difiża soda f'madwar 300 belt hekk imsejjħa ċintorin tal-ħadid. Fil-metodoloġija mħaddma minn Vauban il-binja tal-faċċata tas-swar kellha tkun tiflaħ u b'saħħitha sew fl-attakki u sew fid-difiża; ukoll meta dawn ikunu f'taqtiegħa bla waqfien fuq kull front. Tul is-snin is-swar urew li l-aqwa tagħhom kien fl-attakk u mhux fid-difiża. Il-perfezzjoni ta' l-artillerija kien jitlob it-tisħiħ tal-kortini biex jilqgħu għas-swar tal-ġnub waqt l-isparar u joffru difiża bilanċjata minn kull naħa. Fl-istess waqt fl-istrateġija tal-battalja wieħed kellu jqis l-art imħarbta ta' madwar u li din iżżid il-ħin fiż-żamma ta' l-istess fortifikazzjoni.

Waħda mil-aqwa strateġiji li nosservaw hi li l-fortifikazzjoni kellha tostor kemm tista' lill-ġewwieni ta' l-istess fortizza mill-għajn ta' l-għadu u tħares kemm tista' l-linji tas-swar li jinsabu aktar 'il ġewwa. L-għoli tas-swar kien ukoll jagħmilha iebsa ħafna li l-għadu jiddendel mas-swar u jaqbeż għal ġewwa. F'Bormla l-problema li kellu Valperga kienet differenti għax it-tieni linja tas-swar, dik ta' Santa Margerita kienet fil-parti l-kbira tagħha għadha mhux mibnija. Ma' dan kien hemm ukoll pjani li ssir biss fortizza ċentrali flok il-linja sħiħa ta' swar ta' Santa Margerita.

Mas-sistema ta' swar kienu jsiru numru ta' mini taħt il-blat biex jintużaw kontra l-għadu 'l barra mis-swar fi tliet linji paralleli u trunċieri biex itawwlu u jbegħdu kemm jifilħu lill-għadu milli jilħaq lis-swar kif ġieb u laħaq. Ma' dan kollu s-swar kienu jkunu mdawra b'foss li jagħmilha aktar iebsa għall-għadu. Ix-xogħlijiet ta' Valperga f'Malta u barra juru li hu studja wkoll ix-xogħol u l-kitbiet li għamel il-Boloniż Francesco de Marchi (mwieled 1503).[2] Dwar dan ara d-disinn kif inħejji fl-istudji ta' Vauban.

## Spiċċa f'Malta bla mistenni

Wara l-iżbroff tal-vulkan Etna fis-sena 1669, is-Senat ta' Katanja ħatar lil Valperga biex jiddisinja proġett imdaqqas ta' bini mill-ġdid tal-belt ta' Katanja. Dan kellu jkun il-proġett li jagħti xeħta aħjar lil din il-belt ta' Sqallija meqruda għal kollox mill-vulkan. Bla mistenni ġara li l-proġett ingħata f'idejn Vincezo Paternò li kien ambaxxatur ta' Katanja f'Madrid fi Spanja. Meta l-gvern ma approvax il-proġett ta' Valperga, Valperga ħalla Sqallija u ġie lejn Malta.

L-Ordni ta' San Ġwann f'dawn iż-żminijiet kienet qiegħda tiddiskuti dwar proġett li jkun jista' jilqa' lill-għadu qabel dawn jilħqu ż-żewġt ibliet ta' L-Isla u l-Birgu. Billi kien hemm problema finanzjarja dwar it-tkomplija tas-Swar ta' Santa Margerita f'Bormla, il-pjan il-ġdid kellu joffri proġett aktar adattat sew għall-istrateġija tal-gwerra u l-armi li bdew jinbidlu b'pass aktar mgħaġġel. Ma' dan il-proġett kellu jkennen fis-swar lill-popolazzjoni ta' l-irħula qrib li kienet bdiet tikber sew.

Valperga kellu jkun il-moħħ li offra dan kollu lill-Ordni permezz tal-pjanti tiegħu. Għalhekk filwaqt li l-proġett ta' Firenzuola kien jibda u jintemm fuq tliet għoljiet ta' Bormla (i.e. Ta' Santa Margerita, Tal-Ġonna u Ta' Ġerman), il-proġett il-ġdid ta' Valprega kellu jifrex fuq medda akbar ta' art li tinkludi l-ħames għoljiet ta' Bormla (i.e. it-tlieta msemmija qabel, Ta' Pażan u Ta' Kordin). Dan għoġob lill-Kavallieri li fi ftit żmien qiesu li x-xogħol jinbeda. Bejn l-1670 u l-1680 l-Ordni mpjega lil Valperga, waqt li Gran Mastru kien Nicola Cotoner.

F'Malta Valperga baqa' magħruf u famuż għall-ħila u l-għaqal li bih iddisinja u wettaq il-fortifikazzjonijiet. Dawn il-fortifikazzjonijiet serrħu ras l-Ordni u l-poplu mill-attakki ta' l-għadu imma jista' jkun ukoll li ż-żmien li ħadu jekk ma qdewx dmirhom għas-seklu sbatax u tmintax, kienu ta' min jammirahom militarment fis-seklu ta' wara meta sew il-Franċiżi u l-Ingliżi għarfu l-importanza tagħhom. Kienet biss l-invenzjoni ta' l-ajruplani li setgħet taqbeż dawn is-swar.

Is-Swar tal-Cotoner inbdew fl-1670 u fuq pjanta wkoll ta' Valperga fl-istess sena inbdiet il-Forti Ricasoli. Din kellha tkun l-aħħar forti mibnija mill-Kavallieri fil-Port il-Kbir. Hi nbniet biex tħares id-daħla tal-port. Il-Forti ssemmiet għall-Kavallier Fra Giovanni Ricasoli li ħareġ il-parti l-kbira tal-flus għal dan il-proġett.

Illum iż-żewġ linji tas-Swar ta' Bormla għalkemm twaqqgħu partijet kbar minnhom jew iċċartu, għadhom ġawhra ta' arkitettura militari Ewropeja u Mediterranja li tista' ġġib miljuni ta' turisti jekk nagħrfu nibżgħu għalihom aħna u l-awtoritajiet li jmexxuna.

## Kittieb ta' kotba ta' tagħlim

Valperga ma kienx biss arkitett iżda wkoll kittieb ta' kotba b'tema militari. Insibu ktieb rari ppubblikat fl-1653 f'Napli minn Domenico Maccarano, li Valperga kiteb waqt li kien magħluq fil-ħabs ta' Napli bħala priġunier tal-gwerra. Valperga x'aktarx li kien maqbud mill-Ispanjoli waqt li l-armata kienet sejra fi spedizzjoni lejn Franza, immexxija mill-Prinċep Tommaso ta' Savoia, kontra l-Istat tal-Presidi. Id-dedika tal-ktieb iġġib id-data ta' l-10 ta' Novembru, 1653 minn Castelnuovo f'Napli u bid-dedika lil Karlu Emanuele II ta' Savoia. Il-ktieb jagħti l-impressjoni li ġie ppubblikat fl-iljieli ta' din il-priġunerija. Kien il-librar minn Turin Giovanni Alberto Tarino li waqt il-mawra tiegħu f'Napli mar biex jistampa dan il-ktieb għand l-istamperija ta' Maccarano.

Fl-1660 Valperga inħeles mill-ħabs u mar lura fil-Piemonte. Il-kitba turi kemm kien

bniedem ta' ħila fl-armi. Din l-esperjenza ħadha meta kien Marixxal tal-Battalja tal-Majesta Kristjanissima tiegħu is-sultan ta' Franza. Fl-ewwel taqsima nsibu kif wieħed għandu jqassam l-infanterija u l-kavallerija. Fit-tieni taqsima nsibu kif wieħed għandu jqassam kull ġabra ta' nies waqt il-battalja. Id-disinji tiegħu magħmula b'reqqa huma inċiżjonijiet fuq ir-ram illustrat u juru bosta modi ta' kif jitqassmu truppi u gruppi ta' ġellieda għat-taqtiegħa.[3]

Ktieb ieħor mhejji minn Valperga hu manwal f'żewġ taqsimiet, maħsub għas-suldati ġodda. Fl-ewwel taqsima nsibu t-tagħlim tal-ġeometrija prattika. Fit-tieni taqsima hemm il-modi kif tasal biex tkejjel u tqis il-kobor ta' kull wiċċ ta' oġgett jew xi ħaġa oħra. Fih insibu xi ħaġa fuq it-trigonometrija u hu mogħni b'ħafna figuri għal tagħlim u għerf aktar għoli.[4]

Valperga kien ukoll disinjatur ta' palazzi, djar, ġonna pubbliċi u l-pajesaġġ. Fost id-disinji tiegħu insibu kollezzjoni rari imma interessanti ħafna tal-pajsaġġ Malti tas-seklu sbatax. F'din il-ġabra hemm ukoll disinji ta' Romano Fortunato Carapecchia.[5]

## Proġetti oħra f'Turin

Valperga iddisinja u ħadem fuq bosta bini ieħor ta' prestiġju. Wara nofs is-seklu sbatax hu bena dar ta' vileġġjatura llum magħrufa bħala VillaAufredi di Mortigliengo fil-Komun ta' Grugliasco fil-Piemonte (Turin), l-Italja.[6]

Binja oħra marbuta miegħu hu Palazzo Cisterna, fil-provinċja ta' Turin. Dan il-palazz hu meqjus bħala binja ta' l-1675 magħmula fuq xogħol ta' Antonio Maurizio Valperga u ħuh Andrea. Fid-disinn tal-bieb ewlieni tal-palazz wieħed isib xebħ mal-Bieb ta' Santa Liena li madankollu jifforma parti mis-Swar ta' Firenzuola li kien l-inginier militari tas-Swar ta' Santa Liena (1638) xi snin qabel Valperga ġie Malta.

Valperga u ħuh kienu l-arkitetti ta' bosta binjiet oħra madwar il-Palazzo Cisterna. Il-bini tagħhom hu eżempju ta' arkitettura sabiħa barokka tas-seklu sbatax.

Valperga kien involut fit-tibdil li sar fuq il-Palazz Novo Grande – il-Palazz Irjali ta' Turin. Dan il-palazz inbeda fl-1584 fuq il-pjanti ta' Ascanio Vitozzi għad-Duka Carlo Emanuele I. Flimkien ma' Valperga bħala arkitetti rjali tas-Sultana Marija Kristina ta' Franza kien hemm Carlo Morello u Amadeo di Castellamonte. Id-disinn li bih tlesta l-palazz bil-faċċata tiegħu fl-1658 kien imħejji minn Carlo Morello.[7]

## Valperga fi Franza

Skond tagħrif misjub fil-kitbiet ta' Alexandre Cojannot, Valperga kien ukoll l-arkitett tal-Kardinal Mazarin f'Pariġi.[8]

Il-Kardinal Mazarin li kien responsabbli minn bosta proġetti rjali fi Franza kellu l-inkwiet dwar id-dħul tad-disinn u l-arkitettura Taljana fi Franza. Xogħlijiet ta' Valperga li waslu għandu kienu dawk tal-qabar tiegħu mibgħuta mill-aġent tiegħu, l-Abbati Benedetti minn Ruma fl-1660 u l-1661. Fuq disinn ta' Valperga nsibu wkoll il-kappella ddedikata lil *Sainte-Anne-la-Royale* mal-Kunvent tal-patrijiet Teatini qrib ix-xmara Senna, li kienet maħsuba biex tilqa' fiha l-qabar tal-Kardinal Mazarin. Wara din il-Kappella għaddiet f'idejn l-arkitett Camillo Guarino Guarini, taljan ieħor minn Modena.[9]

Dan hu biss xi ftit tagħrif ieħor dwar Antonio Maurizio Valperga li bih nixtieq nitfa aktar dawl dwar il-persunaġġi li kienu jżuru lil Bormla u lil Malta fis-sekli li għaddew.

Bħal dawn hawn magħna llum u li għad isiru magħrufa meta tinkiteb l-istorja tas-seklu tagħna. għalhekk inħeġġeġ lil dawk kollha li llum jinsabu jgħixu f'Bormla biex jagħrfu li f'kull bniedem jew bniedma jeżistu talenti kbar sew jekk huma mill-Gżejjer Maltin u sewjekk minn artijiet oħra. Bormla, bħal kull belt marittima fil-Mediterran dejjem tgħallmet, imxiet 'il quddiem u stagħniet mill-kuntatt li kellha ma' kulturi oħra.


Riferenzi

1. Sorsi varji
2. Sorsi varji u enċiklopediji varji
3. Promis, *Ingegneri militari in Piemonte*, P. 636-8. mfn 000329; Sogg.: Italia. Cavalleria
4. D'Ant. Mauritio Valperga – In Napoli: Per Ettore Cicconio: Ad instantia di Gio: Alberto Tarino, 1655 - 16!, 312, 46, 2! p. 1 c. di tav.: ill.; 8°. Cors. - Rom. a8 A–N8 04 P-V8 a-c8. - antiporta incisa, iniziali sil., disegni geometrici.
5. F. Menchetti, *Il paesaggio maltese nei disegni di Antonio Maurizio Valperga e Romano Fortunato Carapecchia.*
6. Informazzjoni miksuba mingħand il Comune ta' Grugliasco (Turin), Italja.
7. Sorsi varji mir-Reġjun tal-Piemonte.
8. Alexandre Cojonnot, *Antonio Maurizio Valperga, architecte du cardinal Mazarin à Paris, 1999*
9. Bibliotheca Nazionale di Torino, H. Ballon, Hillary Ballon, *Louis Le Vau. Mazarin's College, Colbert's Revenge,* Princeton, 1999. pp. 134-139.




*Pjan tal-fortifikazzjonijiet ta' l-Għolja Santa Margerita, il-Birgu u l-Isla kif kienu fl-1640.*
*Mill-Fondo Chigi tal-librerija tal-Vatikan.*
*Il-fortifikazzjonijiet fuq l-Għolja Santa Margerita meta tlestew.*